## Tħabbira ta' Salvazzjoni

Fil-25 ta' Marzu niċċelebraw is-solennità ta' Marija Annuzjata, niċċelebraw meta Alla talab lil Marija biex jilbes il-libsa tal-umanita' tagħna. Alla f'dak il-ħin daħal fil-krejazzjoni tiegħu stess. Huwa wkoll l-mument meta Alla beda jwettaq il-pjan tas-salvazzjoni għall-umanità kollha. F'dak il-mument Alla sar bniedem fil-ġuf safi ta' Marija, u Marija f'dak il-mument saret awtomatikament omm Alla. It-tħabbira ta' l-Anġlu Gabrijel lil Marija turina wkoll ir-restawr tal-waqa' ta' Adam u Eva. Marija bħala Eva l-ġdida bl-'Iva' tagħha tagħti widen lil Alla, f'kelma waħda għamlet il-kuntrarju ta' dak li għamlet Eva meta ma' tgħatx widen għal Alla u waqgħet għall-qerq tax-xitan. Adam il-ġdid issa jinsab fil-ġuf ta' Marija lest biex iħabbrilna l-kelma li twassalna għall-ħajja ta' dejjem u li bil-mewt u l-qawmien tiegħu jiftħilna l-bieb ta' ħajja ġdida (l-ġenna).

Fit-tħabbira naraw il-pjan tas-salvazzjoni tal-bniedem jieħu l-ħajja. Dan urieh biċ-ċar il-pittur Emvin Cremona fil-pittura tat-titular tal-Knisja, fejn bejn l-Anġlu u Marija insibu l-figura ta' Kristu Msallab. Dan juri wkoll li minkejja it-tħabbira hija ta' ferħ, hemm is-salib magħha wkoll. Aħna wkoll fil-ħajja tagħna hemm il-ferħ u s-slaleb tal-ħajja u bħal Ommna Marija rridu nkun kapaċi ngħożżu f'qalbna kull mument ta' ferħ u tat-tbatija ghax mingħajr is-salib m'hemmx salvazzjoni. Fil-ħajja tagħna ta' kuljum bħal Marija għandna nilqgħu ir-rieda t'Alla fil-ħajja tagħna u nerfgħu salibna u nimxu wara Kristu. Ejjew inżommu f'moħħna li d-destinazzjoni tagħna hija l-ġenna u propju fit-tħabbira lil Marija bdiet il-mixja lejn it-triq tal-Golgota biex permezz tas-sagrifiċċju tas-salib aħna nkunu nistgħu naslu fid-destinazzjoni tagħna li ħejjilna Alla stess.

P. Aaron Zahra O.P.
*Pirjol*

www.opbirgu.org

Patrijiet Dumnikani, Kunvent tal-Lunzjata, il-Birgu

# Mit-telgħa tal-Lunzjata

Ħarġa nru. 6 Marzu 2020



## Benefiċċji Spiritwali għal matul ir-Randan

Matul iż-żmien tar-Randan in-nisrani huwa msejjaħ biex iħejji ruħu għall-festi tal-Għid, bis-sawm, penitenza u grazzji speċjali oħra:

1. **Sawm**: In-nisrani huwa mħeġġeġ li jsum tal-inqas nhar ta' Erbgħa u nhar Ġimgħa matul ir-Randan. Is-sawm ifisser ikla waħda, mingħajr laħam, jew żewġt ikliet li ma jaqbżux ikla waħdda. Is-sawm ifakkarna u jgħaqqadna mas-sawma ta' Kristu fid-deżert; jgħinna ukoll niksbu kontroll akbar fuq il-ġibdiet tagħna. Permezz tas-sawm jinqalgħu ħafna merti, għalhekk huwa tajjeb li wieħed joffri s-sawm tiegħu għal intenzjoni speċjali.

2. **Karità**: In-nisrani huwa mħeġeġ biex jagħmel opri tal-ħniena u jagħti l-karità. Dan jgħinna niftakru aktar fil-batuti. Wieħed iżda għandu jiftakar ukoll jagħmel l-karità mal-erwieħ tal-purgatorju billi wieħed joffri xi intenzjonijiet tal-quddies.

3. **Indulġenza**: Il-Knisja toffri Indulġenza Plenarja (jiġifieri il-maħfra tal-pwieni tal-purgatorju) nhar ta' Ġimgaħ fir-Randan għal min jirreċita talba quddiem il-Kurċifiss. Hemm Indulġenza Plenarja ukoll għal kull min jitlob il-Via Sacra matul ir-Randan. Kull indulġenza tista' tinrebaħ darba biss fil-ġurnata, u wieħed huwa obbligat li jqerr u jitqarben, u jitlob skond l-intenzjoni tal-Papa.



Niskopru
# l-Katekiżmu
tal-Knisja Kattolika

**Laqgħat miftuħa għal kulħadd**
minn Novembru sa April,
kull nhar ta' Ġimgha fis-7p.m.

**fl-Oratorju tal-Kunvent**
**tad-Dumnikani, il-Birgu.**

## Mid-djarju tal-Knisja tal-Lunzjata

**Kuljum** fis-5:45pm ikollna t-talba tal-Via Crucis. **Nhar ta' Ġimgħa** il-Via Crucis tkun animata u tibda fil-5:30p.m.

**Mit-Tnejn 2 sal-Ġimgħa 6 ta' Marzu** – Eżerċizzi għal kulħadd
Eżerċizzi għal kulħadd waqt il-quddiesa tas-6:15p.m. – Jippriedkaw P. Aaron Zahra OP, P. Tonio Mallia Milanes OP, P. Claudio Borg OP.

**Mit-Tnejn 9 sal-Ġimgħa 13 ta' Marzu** – Eżerċizzi għal kulħadd
Eżerċizzi għal kulħadd waqt il-quddiesa tal-10:00a.m. – Jippriedkaw P. Aaron Zahra OP, P. Tonio Mallia Milanes OP, P. Claudio Borg OP.

**Il-Ġimgħa 13 ta' Marzu** - Laqgħa tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika fis-7p.m. fl-oratorju fil-Kunvent.

**Il-Ħadd 15 ta' Marzu** – Ġurnata rtir tar-Randan fil-kunvent.
L-irtir jibda fid-9:15p.m. u jispiċċa fin-12:30p.m. Wara ser tiġi oganizzata ikla ħaruf mill-kunsill tal-Lajċi Dumnikani tal-Birgu.

**Il-Ħamis 19 ta' Marzu** – Solennità ta' San Ġużepp.
Quddies:7:30a.m., 10a.m., u 6:15p.m.
Quddiesa kantata fl-10a.m. u wara tingħad il-litanija ta' San Ġużepp b'talb għall-vokazzjonijiet Dumnikani.

**Il-Ġimgħa 20 ta' Marzu** – Festa ta' Ġesu' Redentur.
Il-Fratellanza tal-Madonna tar-Ružarju tiċċelebra l-festa ta' Ġesu' Redentur. Fil-5:20p.m. talba tal-Via Crucis u wara talba tal-għasar. Fis-6:15p.m. quddiesa bl-omelija mmexxija mill-Pirjol.
Fis-7p.m. laqgħa tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika fl-oratorju fil-kunvent.

**It-Tlieta 24 ta' Marzu** – Lejliet is-Solennita' ta' Marija Annunzjata.
Fil-5:30p.m. Rużarju. Fis-5:45p.m. talba tal-ewwel għasar. Fis-6:15p.m. quddiesa mmexxija mis-sotto pirjol.

**L-Erbgħa 25 ta' Marzu** – Jum is-Solennità ta' Marija Annuzjata.
Fil-5:30p.m. Rużarju. Fis-5:45p.m. talba tal-għasar. Fis-6:15p.m. quddiesa mmexxija mill-Pirjol flimkien mal-Arċipriet u l-kapitlu tal-parroċċa.

**Il-Ġimgħa 27 ta' Marzu** - Laqgħa tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika fis-7p.m. fl-oratorju fil-Kunvent.